**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

**Rif Minuti 1 – Espressjoni ta' Interess - Proġett Dar ta' l-Anzjani inkluz bini ġdid ta' l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-laqgħa tas-sotto kumitat ta' nhar it-Tnejn 12 t'Awwissu 2013.

1.02 Il-laqgħa saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Triq Forrest, San Ġiljan, fl-10.00a.m.

1.03 Preżenti: Is-Sindku Peter Bonello
Il-Viċi Sindku Charles Camenzuli
Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli
Il-Kunsillier Norman Vella
Il-Kunsillier John Agius
Il-Kunsilliera Irene Borg
Il-Kunsillier Richard Scicluna
L-iskrivana Marilyn Cassar

1.04 Skużati: Il-Kunsillier Anthony Grech
Il-Kunsillier Alex Grech

1.05 Kien preżenti wkoll il-Perit tal-Kunsill, Stephen Farrugia.

1.06 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

1.07 Din il-laqgha saret b'deċiżjoni tal-Kunsill Rif. Minuti 18/K7/13 datati 8 t'Awwissu 2013 biex jiġi diskuss, adjudikat u tittieħed deċiżjoni għan-nom u fl-aħjar nteress tal-Kunsill fuq l-evalwazzjoni u r-rakkomandazzjoni li ta l-Perit tal-Kunsill għas-sottomissjonijiet li ntefgħu għall-Espressjoni ta'

Interess għall-Proġett Dar ta' l-Anzjani inkluż bini ġdid ta' l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

1.08 Il-Perit għamel riferenza għar-rapport li ppreżenta u spjega kif ibbaża l-evalwazzjoni u r-rakkomandazzjoni tiegħu (Ara Appendiċi 'A').

1.09 Huwa ssuġġerixxa li tintgħażel *bidder no. 1* (CareMalta Ltd.) iżda jekk id-diskussjonijiet miegħu ifallu b'mod irreparabbli huwa ssuġġerixxa li jibdew id-diskussjonijiet ma' *bidder no. 3* (Prism Homes Consortium).

1.10 Il-Kunsillier John Agius ġie skużat fl-10.45a.m.

1.11 Hawnhekk saret diskussjoni u l-membri preżenti qablu unanimament li titieħed deċiżjoni wara li ssir l-laqgħa mal-Avukat l-għada it-Tlieta 13 t'Awwissu 2013 fid-9.30a.m.

1.12 Il-laqgħa ntemmet fl-11.45a.m.

**Peter Bonello**
**Sindku**

**Marilyn Cassar**
**Skrivana**